MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2011

Numru. 1189/2010

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR PIERRE MICALLEF-GRIMAUD**

**KONTRA**

**CURTIS BAKOUSH ta’ 22 sena, iben Ali Abdullah Omer, u Jane nee’ Zammit, imwieled Malta nhar it-28.07.198, residenti fil-fond numru 60, Flat 1, Triq l-Isptar, Valletta, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 0340689M;**
**U JASON CARUANA ta’ 37 sena, iben Joseph u Jane nee’ Vella, imwieled Malta nhar is-17.01.1974, residenti fil-fond numru 102, Flat 10, Triq San Duminku, Valletta, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 077974M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmija **<u>Curtis Bakoush</u>** u **<u>Jason Caruana</u>** li gew akkuzati talli:

1. Nhar l-10 ta’ Novembru, 2010, ghall-habta tan-nofs siegha ta’ fil-ghodu, minn gewwa Mahzen 3A, Triq l-Ixprun, Valletta, ikkommettew serq aggravat bil-mezz, ksur, hin, u valur ta’ oggetti ta’ xorb, ikel, u oggetti ohra, ghad-dannu ta’ Alfred u Noel Mifsud, u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 263, 264(1), 267, u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli rrendew ruhhom recidivi b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat illi l-imputati, issa fit-tieni nterrogatorju, wiegbu li ma kinux hatja ta’ l-akkuzi kif migjuba kontra taghhom.

Rat illi l-Prosekuzzjoni ressqet il-provi li taghhom ser isir sintesi tal-fatti saljenti. Fl-ewwel lok rat ukoll illi d-Difiza ghal Bakoush, ezentat lill-Ufficjal Prosekutur milli jtella’ ebda prova tar-recidiva. Rat pero li mankanti din l-ezentazzjoni fil-konfront ta’ Jason Caruana, giet ezebita s-sentenza a folio 124 ta’ l-atti processwali.

Semghet ix-xhieda ta’ PC 343 Glen Carabott li xehed illi li kienu nfurmati minn certu Alfred Mifsud li sofra sgass gor-residenza tieghu. Bintu, wara li rceviet telefonata anonima, infurmat lill-pulizija li l-malviventi kienu certu Jason Caruana u Curtis Bakoush. Insterqu mir-residenza ta’ Mifsud affarijiet ta’ l-ikel bhal soft drinks, croissants, kif ukoll microwave oven ta’ natura industrijali. Waqt ronda nnutaw lil Jason Caruana li kellu zewg kaxxi luminata Adriacola. Lill-pulizija qallhom li kien xtrahom fil-ghodu. Nies mill-gallarija qalu lill-Kuntistabbli li raw lil Curtis Bakoush jahrab minn fuq il-post u jhalli warajh kaxxa wara karozza. Din il-kaxxa fil-fatt instabet mill-pulizija. Marru l-pulizija ghand Bakoush, sabuh gol-banju bl-ilma griz, pero

bla sapun. L-affarijiet li nstabu wara l-karozza, xehed illi gew identifikati mill-vittma.

Ixhud PC 1393 Kurt Farrugia kkonferma li ra kemm il-kaxxi tal-Coca f'idejn Caruana, u l-microwave. Dawn l-oggetti wkoll fi kliemu gew identifikati minn Alfred Mifsud.

Ghalhekk xehed dan Alfred Mifsud li kien rieqed, sema' l-istorbju, qalulu li sgassaw fejn kien rieqed. Ikkonferma illi l-bieb sgassat kellu hsara fis-serratura. Qal illi lilu serqulu luminati u xi flixkun zejt, versu l-prezz ta' €32.

Minn naha tieghu Noel Mifsud, xehed dwar il-proprjeta' tieghu li sofriet sgass, anzi mill-fond fejn kien izomm xi affarijiet. Xehed dwar is-serratura sgassata li b'kollox swiet €120 biex issewwiet. Mistoqsi x'gie misruq lilu, wiegeb microwave oven heavy duty. Qal illi dan il-microwave oven swielu €550. Gharaf xi oggetti derubati ghand il-pulizija, li pero kienu ta' missieru.

Ruth Mifsud ikkonfermat li kienet irceviet telefonata anonima li kienu serqu lil missierha. Qalet illi ghaliha l-bieb ma kienx jidher sgassat, u ghalhekk ixxuttjat il-bieb. Ikkonfermat illi l-post derubat kien ta' huha li kien juza l-istess bhala store.

Tela' jixhed certu Reuben Cutajar, ghan-nom ta' l-Agenzija Sedqa, dwar il-possibbilta' li Bakoush jiddahhal go Dar l-Impenn. Dr Joseph Tonna ukoll xehed dwar il-progress li kien qieghed jaghmel Bakoush fil-konfront tal-problema tad-droga. Minn naha taghha Victoria Scicluna xehdet illi Bakoush kien sejjer tajjeb hafna fil-programm. Pero aktar tard l-istess Victoria Scicluna regghet xehdet illi Curtis Bakoush kien kiser kundizzjoni fl-istess programm.

Ghandu jinghad ukoll illi fil-mori ta' dawn il-proceduri, Bakoush ammetta l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu (seduta 20.05.2011).

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda ssib htija ai termini tal-Artikoli 261, 263, 264, 267, 270, 49, u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dan fil-konfront taz-zewg imputati;

Fil-konfront ta’ Curtis Bakoush tilliberah mill-akkuza rigwardanti allegat ksur ta’ liberta’ provizorja.

Dwar il-piena, qieset fil-konfront ta’ Curtis Bakoush u Jason Caruana, rat ukoll l-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tikkundannahom ghal sena(1) habs effettiva kull wiehed.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------